MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 618/2009/1

**Jonathan Shaw u Christopher Knights f'ismu proprju u bhala mandatarju specjali ta' Peter Knights u Adam Knights ilkoll bhala azzjonisti tal-kumpanija Inspire Limited**

**v.**

**David Alan Shaw azzjonista tal-kumpanija Inspire Limited u l-kumpanija Inspire Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Gunju, 2009 li permezz tieghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotorju tar-rikorrenti Jonathan Shaw et intavolat fis-27 ta' Mejju, 2009 a tenur tal-Artikolu 402 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta, gew sommarjament michuda.

Bir-rikors imsemmi r-rikorrenti, qua azzjonisti ta' 80% tal-azzjonijiet fis-socjeta` Inspire Limited, wara li gabu a konjizzjoni tal-Qorti diversi ilmenti taghhom allegatament relatati ma' agir abbuziv tal-azzjonist minoritarju David Alan Shaw li, bid-dritt li kien jaghtih l-istatut tal-istess kumpanija in vista tal-percentwali rikjesta ghal *quorum* f'laqghat taghha, kien qed izomm milli tinzamm Laqgha Generali tal-Kumpanija. Ir-rikorrenti ghalhekk kienu talbu li, a tenur tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386, dik il-Qorti taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa u opportuni sabiex:-

a) Bil-ghan li jkunu jistghu jinzammu l-Laqghat Generali tal-Kumpanija, jigi emendat l-Artikolu sbatax (17) tal-Istatut tal-Kumpanija b'tali mod illi, jekk f'Laqgha Generali tal-Kumpanija, kemm Annwali kif ukoll Straordinarja, imsejha bi kwalunkwe mod, anke a tenur tal-Artkolu 129 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jintlahaqx il-kworum stipulat ta' numru ta' membri li bejniethom ghandhom hamsa u tmenin fil-mija (85%) tal-ishma tal-Kumpanija, tali laqgha ghandha tigi aggornata ghal (2) gimghatejn wara fl-istess jum tal-gimgha, hin u post u ghall-istess skop, minghajr ma jkun hemm il-htiega li tali laqgha terga tissejjah mill-gdid u minghajr il-htiega li terga tinghata notifika lill-membri ta' tali aggornament, f'liema laqgha hekk aggornata il-prezenza ta' dawk il-membri tal-kumpanija li bejniethom jkollhom sebghajn fil-mija (70%) tal-ishma tal-kumpanija tkun tikkostitwixxi kworum, u fil-laqgha hekk aggornata, kwalsiasi rizoluzzjoni ordinarja tkun tista' tittiehed bl-approvazzjoni ta' hamsin fil-mija u wiehed (50%+1) tal-voti/ishma tal-membri kollha tal-kumpanija, filwaqt li ghal finijiet tal-Artikolu 16(3) tal-Istatut tal-Kumpanija, kwalsiasi rizoluzzjoni straordinarja tkun tista' tittiehed bl-approvazzjoni ta' sebghin fil-mija (70%) tal-voti/ishma tal-membri kollha tal-kumpannija; u

b) Bil-ghan li jigi skansat kull abbuz li jista' jsir minn kwalsiasi membru tal-Kumpanija fir-rigward tal-avvizi li jsejhu l-Laqgha Generali (tal-) Kumpanija, tordna li jigi emendat l-Artikolu erbgha u tletin (34) tal-Istatut tal-Kumpanija b'tali mod illi avviz ghal Laqgha Generali tal-Kumpanija, kemm Annwali kif ukoll Straordinarja, u msejha bi kwalunkwe mod, anke a tenur tal-Artikolu 129 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta, ikun meqjus li nghata validament lill-membru tal-Kumpanija in kwistjoni, tmienja u erbghin (48) siegha wara li l-avviz partikolari jkun debitament intbaghat lilu permezz tal-posta registrata fl-ahhar indirizz f'Malta ipprovdut lill-kumpanija minn dak il-membru partikolari; u

c) Bl-iskop li jigu mwettqa d-debiti emendi fl-Istatut tal-Kumpanija hekk kif ordnati minn din l-Onorabbli Qorti, tissejjah Laqgha Generali Straordinarja tal-Kumpannija fil-jum, hin u lok li tiffissa din l-Onorabbli Qorti, u jinhatar kuratur sabiex jattendi ghal tali Laqgha Generali Straordinarja bl-inkarigu li debitament jirraprezenta dak il-membru jew dawk il-membri tal-Kumpanija li ma jkunux prezenti u ma jkunux debitament rapprezentati fil-Laqgha Generali Straordinarja hekk imsejha minn din l-Onorabbli Qorti.

B'digriet preliminari tat-28 ta' Mejju, 2009 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ordnat n-notifika tar-rikors lill-intimat b'sitt (6) ijiem ghar-risposta.

L-intimat David Alan Shaw intavola risposta fit-12 ta' Gunju, 2009 (wara li kien gie notifikat fl-10 ta' Gunju), fejn talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom ikunu michuda *in toto.*

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili pprovdiet fuq it-talba tar-rikorrenti b'digriet (li jidher li hu wiehed kamerali) tas-16 ta' Gunju, 2009 li jghid hekk: "Il-Qorti: Rat ir-rikors; Rat id-digriet taghha precedenti; Rat ir-risposta; Tichad it-talbiet ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess risposta."

**L-appell tar-rikorrenti Jonathan Shaw et.**

Ir-rikorrenti Jonathan Shaw et hassew ruhhom aggravati bid-digriet fuq riportat u ghalhekk b'rikors intavolat fis-6 ta' Lulju, 2009 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar id-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Gunju, 2009 fl-ismijiet premessi u wara li tisma' x-xhieda u provi ohra li thoss mehtiega, tilqa' t-talbiet kollha tal-appellanti u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat David Alan Shaw.

**L-aggravji tar-rikorrenti appellanti:**

Minn qari tar-rikors tal-appell tar-rikorrenti jidher li, bazikament, l-appellanti qed jilmentaw mill-mod ta' kif l-ewwel Qorti ttrattat ir-rikors taghhom billi dik il-Qorti ghaddiet biex tichad it-talbiet:-

a) minghajr ma appuntat ir-rikors,

b) minghajr ma semghet provi,

c) minghajr ma tat lill-partijiet l-opportunita` jittrattaw l-kaz,

d) u billi accettat dak li nghad fir-risposta bhala "fatt" minghajr ma talbet li jingiebu provi in sostenn jew kontra l-istess fatti jew sottomissjonijiet hemm kontenuti,

e) u, finalment, billi l-istess digriet ma fih ebda motivazzjoni bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 218 tal-Kap. 12.

Il-kontro-parti pprezentat risposta ghar-rikors tal-appell tar-rikorrenti Jonathan Shaw et fejn, qabel xejn irrilevat **in-nullita` tar-rikors tal-appell stante illi tali procedura ma hiex legalment proponibbli;** sussegwentement l-appellat ghadda biex ezamina l-ilmenti kollha mressqa mill-appellanti li kienu relatati mal-fatti u sottomissjonijiet kontenuti fir-risposta tieghu, u li gew abbraccjati sommarjament mill-ewwel Qorti kif fuq inghad fid-digriet taghha tas-16 ta' Gunju, 2009.

**Ikkunsidrat:**

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex, jekk ikun il-kaz, tezamina l-mertu proprju tal-vertenza bejn il-partijiet u tikkunsidra x'rimedju jista' jinghata, ikun opportun li tigi epurata l-eccezzjoni tan-nullita` tal-appell tar-rikorrenti.
Fir-isposta tieghu l-appellat issolleva l-eccezzjoni tan-nullita` tal-appell tar-rikorrenti stante li tali procedura m'hiex legalment proponibbli. Huwa xieraq li jigu hawn riprodotti s-sottomissjonijiet fir-rigward hekk kif maghmula fl-imsemmija risposta. Hemm jinghad hekk:

"(a) L-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi rimedju *ad hoc* u *sui generis* li jista' jigi intavolat permezz ta' rikors (u mhux rikors guramentat *ai termini* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk <u>din il-procedura m'hiex kawza fis-sens ta' kawza mibdija bil-procedura ta' rikors guramentat</u> (citazzjoni qabel l-emenda fil-Kap 12). Din id-distinzjoni hija essenzjali peress illi l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 gie fis-sehh meta l-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kien jaghmel distinzjoni bejn citazzjoni u rikors u ghalhekk il-kelma "rikors" *ai termini* tal-Artikolu 402 ghandu jinqara f'dan is-sens. Isegwi ghalhekk illi d-dritt ta' appell naxxenti minn sentenza moghtija wara kawza intavolata b'rikors guramentat (gja` maghrufa bhala citazzjoni *ai termini* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) ma huwiex awtomatikament estiz *ope legis* ghal din il-procedura;

"(b) Id-dritt ta' appell ma huwiex dritt awtomatiku izda jista' jigi ezercitat biss b'disposizzjoni espressa tal-ligi illi jew tohloq dritt ta' appell *ad hoc* jew inkella b'riferenza generali ghall-procedura u dritt ta' appell applikabbli taht il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qed jigi sottomess peress illi kull decizjoni fl-appell fuq decizjoni gja` moghtija fi proceduri ohrajn [ai] termini tal-Artikolu 402 ma johloqx xi dritt ta' appell fil-ligi;

"(c) Illi minkejja illi l-procedura tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 hija wahda *sui generis* f'ligi specjali ma hemm ebda artikolu tal-ligi illi tirrendi applikabbli l-Artikoli tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-appell. *Del resto* ebda formalita`

jew rekwiziti rikjesti mill-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dwar proceduri kontenzjuzi li ma hi applikabbli ghal kaz odjern;

"(d) Illi din il-procedura *ai termini* tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 hija ntavolata permezz ta' rikors li jwassal necessarjament ghal digriet (peress illi l-istess Kap. 386 ma jirrikjedix sentenza jew formalita` ohra) u minn digriet ma hemmx appell jekk mhux bl-applikazzjoni tal-ligi. *Dato non concesso* li tinghata decizjoni flok digriet, il-procedura *sui generis* ma twassalx ghal dritt awtomatiku ta' appell kif previst fil-Kap. 12 peress illi ma hemm ebda applikabilita` tal-istess Kap. 12 ghall-procedura naxxenti mill-Artikolu 402 tal-Kap. 386.

"(e) Illi dan l-argument isib komfort mill-qari tal-Artikolu 401 tal-Kap. 386. Di fatti l-istess artikolu fis-subartikolu (5) johloq procedura *sui generis* li ghandha tigi intavolata permezz ta' rikors (u kwindi identika ghal dik tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386). Izda fis-sub-artikolu (17) tal-Artikolu 401, il-Kap. 386 jaghti dritt espress ta' appell li ghandu jigi intavolat permezz ta' rikors. Dan l-istess dritt ta' appell huwa kompletament eskluz fl-Artikolu 402. Kwindi bl-applikazzjoni tal-principju *ubi lex voluit dixit*, dan ghandu necessarjament jigi interpretat fis-sens illi digriet jew decizjoni *ai termini* tal-Artikolu 402 ma jistax jigi appellat.

"(f) Illi hemm ukoll skorta ta' gurisprudenza kostanti dwar dan. Fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet *Edgar Baldacchino et v. Joseph Bellizzi,* deciza mill-Qorti tal-Appell datat 10 ta' Awwissu 1953, (Vol.XXXVII.I.519) irriteniet illi:

*""<u>Hemm tliet xorta ta' digrieti, skond il-ligi taghna:- dawk definittivi, dawk interlokutorji, u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Ghal din it-tielet kategorija ta' digrieti ma hemmx appell dirett quddiem il-Qorti tal-Appell tal-Maesta' Taghha r-Regina; u min irid jimpunja digriet li ma hux interlokutorju jew definittiv jista' jimpunjah biss permezz ta' citazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet …. Izda appell minn digriet ta' dik ix-xorta b'semplici rikors quddiem il-Qorti tal-Appell bhala ma jsir fil-kaz ta' digrieti interlokutorji huwa null u ta' ebda effett.</u>"*

"L-istess gie deciz fil-kawza fl-ismijiet ***Galea v. Bezzina*** (Vol. XXXVIII.I.336) deciza 5 ta' Awwissu, 1954, u ***Joseph Bonello vs Emanuel Ellul noe*** deciza mill-Qorti tal-Appell (Appelli Kummercjali) 26 Gunju 1987.

"Aktar minn hekk fil-kawza fl-ismijiet ***Anthony Sammut v. Paolo Sammut et*** (Vol. XLVII.I.110) il-Qorti rriteniet li "*il-fatt li …..id-digriet gie moghti mhux kameralment, izda fl-udjenza pubblika, ma jbiddel xejn in-natura tad-digriet, ghax b'daqshekk la sar definittiv u lanqas interlokutorju.*"

Fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru, 2009 fuq kwezit specifiku tal-Qorti maghmul lil Dr. Jean-Carl Farrugia, l-istess avukat iddikjara li hu qed jibbaza d-dritt tal-appell tieghu fuq l-Art. 226 tal-Kap. 12. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

(1) L-appell isir b'rikors li jigi prezentat fir-registru tal-Qorti tal-Appell fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tas-sentenza.

(2) Meta appell ma jsirx mis-sentenza kollha, ghandhom jissemmew, fir-rikors tal-appell, il-kapi tas-sentenza li minnhom isir appell.

**Ikkunsidrat:**

L-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li kull membru ta' kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpanija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, ikun jista' jaghmel rikors lill-Qorti biex taghmel ordni, taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa, ghalbiex tali ordni jirregola t-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpanija, jew jipprojbixxi l-ghemil ta' xi att propost; jew jehtieg lill-kumpanija li taghmel xi att li r-rikorrent ikun ilmenta li kienet naqset li taghmel; jew jipprovdi ghax-xiri tal-azzjonijiet ta' xi membri; jew jordna lill-kumpanija li

tibda, tiddifendi, tkompli jew ma tkomplix procedimenti tal-Qorti; jew jipprovdi ghal hlas ta' kumpens jew sahansitra ixolji l-kumpanija u jipprovdi ghall-istralc konsegwenzjali taghha.

L-Artikolu 401 tal-istess Kap. 386 jimponi dmirijiet fuq ir-Registratur tal-Kumpaniji li, fost affarijiet ohrajn, jigbor penalitajiet imposti taht l-Att billi, skond is-subartikolu (3) jaghti avviz lil dik il-persuna li tkun saret suggetta ghal penali fejn jispecifika x-xorta ta' ksur tal-ligi u jindika l-ammont dovut bhala penali f'liema kaz dak l-ammont ghandu jitqies li jkun il-penali dovut taht l-Att ghal ksur tal-ligi specifikat. Dan l-avviz jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kemm-il darba dik il-persuna fi zmien tletin (30) jum mid-data ta' dik in-notifika ma tibdiex procedimenti b'rikors kontra r-Registratur quddiem Qorti fejn toggezzjona ghall-penali hekk stabbilita. Minn hemm 'il quddiem il-kaz jinstema' bhal kwalunkwe kawza fil-kontradittorju u japplikaw ghal dawn il-proceduri d-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Kull decizjoni tal-Qorti li tikkonferma jew tnaqqas dik il-penali, ghandha meta ssir *res judicata*, titqies li hi decizjoni tal-Qorti li tordna l-hlas mir-rikorrent u jkun hemm dritt ta' appell bil-mezz ta' rikorsipprezentat fil-Qorti tal-Appell fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol mid-data tad-decizjoni u l-persuna li kontra taghha jkun sar ir-rikors ghandha fi zmien sitt (6) tijiem mid-data tan-notifika tar-rikors tipprezenta risposta ghall-appell (ara s-subartikoli (16) u (17) tal-imsemmi Art. 401).

Minn dan naraw li hemm distinzjoni netta bejn dak li jipprovdi l-Artikolu 402 u l-Artikolu 401 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta billi fil-kazi li jaqghu taht l-Artikolu 402 la jissemmew id-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u sahansitra lanqas ma tissemma' l-htiega ta' notifika tar-rikors lill-kontro-parti u thalli kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti li quddiemha jkun ingieb ir-rikors li jekk "*tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel*" tista' taghmel ordni. Dan l-artikolu lanqas biss isemmi xi dritt ta' appell minn dak l-ordni. Ghal kuntrarju l-Artikolu 401 mhux biss jipprefiggi regoli specifici ta' kif issir opposizzjoni ghad-decizjoni tar-

Registratur billi din tista’ tigi kkontestata quddiem Qorti fejn sahansitra ghandhom japplikaw r-regoli imposti fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, talli kull decizjoni ta’ dik il-Qorti tkun kunsidrata bhala decizjoni li tordna l-hlas, u minn tali decizjoni, bhal ma jipprovdi l-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, hemm appell lil din il-Qorti. Dan huwa kaz klassiku fejn japplika l-principju *ubi lex voluit dixit*.

Din il-Qorti ghalhekk tifhem li kull provvedimenti moghti a tenur tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 ghandu min-natura ta’ digriet li, skond l-gurisprudenza, ma jezisti ebda dritt ta’ appell minnu u jista’ jigi revokat biss bi proceduri oppoziti mehuda in kontradittorju fil-Qorti li tkun mitluba li tirrevoka dak id-digriet, u minn tali decizjoni jkun hemm dritt ta’ appell lil din il-Qorti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni tal-intmat dwar l-inappellabilita` tad-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Gunju, 2009, tiddikjara l-appell tar-rikorrenti bhala irritu u null u konsegwentement qed jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------